# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2018**

**Kawża Numru 11**

**Rikors Numru 788/15MCH**

Wasim **RAKIB**

vs

**BORD TAL-APPELLI DWAR IR-RIFUĠJATI**, Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talbiet tiegħu biex issib ma tiswiex id-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Appelli tar-Rifuġjati fl-24 ta' Lulju, 2015, u tħassarha filwaqt li terġa' tordna lill-Bord jisma' mill-ġdid l-appell tiegħu;

2. L-Ewwel Qorti ipprovdiet hekk fil-parti dispożittiva tas-sentenza mogħtija minnha:

> *"il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiddeċiedi t-tieni talba attriċi, taqta' u tiddeċiedi billi, filwaqt li tiċħad l-ewwel l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Avukat Ġenerali, in kwantu huwa meqjus bħala leġittimu kontradittur, tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet u tiċħad it-talbiet attriċi.*

*Bl-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-attur, salv dawk relatati mal-ewwel eċċezzjoni preliminari, li tibqa' a karigu tal-konvenut Avukat Ġenerali*";

3. L-Ewwel Qorti waslet għal dik id-deċiżjoni tagħha wara li qieset li:

"*Illi permezz ta' din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li d-deċiżjoni li ttieħdet mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati hija affetta minn interpretazzjoni ħażina tal-liġi u qiegħed għalhekk jintalab it-tħassir tal-istess deċiżjoni u li jiġi ordnat lill-istess Bord li jerġa' jisma' l-appell tal-attur. Jintalab ukoll li jiġi kkonfermat il-mandat t'inibizzjoni, ppreżentat kontestwalment mal-istess kawża. Jingħad mill-attur illi l-azzjoni tiegħu hija bbażata fuq l-artikolu 469A(1)(a) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), senjatament talba għall-istharriġ ġudizzjarju, stante li jingħad li d-deċiżjoni li ttieħdet tikser il-Kostituzzjoni.*

"*Il-konvenuti da parti tagħhom laqgħu għall-azzjoni attriċi kemm fil-mertu, kif ukoll ressqu eċċezzjonijiet preliminari fis-sens li fil-każ tal-Avukat Ġenerali, jingħad li mhuwiex leġittimu kontradittur u jsejjes din l-eċċezzjoni fuq l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Filwaqt, li fil-każ tal-Kummisarju tal-Pulizija jingħad, li l-azzjoni hija intempestiva, in kwantu għadhom ma skattawx il-proċeduri ta' Removal Order u għalhekk it-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur ma jaqgħux fil-mansjonijiet tal-Kummissarju konvenut. Ikun xieraq li l-ewwel jiġu mistħarrġa dawn l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.*

"*Għandu jingħad mal-ewwel, li kif ġustament osservat mill-attur permezz tan-nota tiegħu, tal-10 ta' Marzu, 2016, huwa meqjus li l-Avukat Ġenerali huwa leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Jiġi rilevat illi l-Bord li ddeċieda l-applikazzjoni għall-ażil tal-attur, fil-funzjonijiet tiegħu ta' tribunal kważi-ġudizzjarju, igawdi mill-istess protezzjoni bħall-qrati ordinarji fl-eżerċizzju tal-qadi tagħhom. Dan ma jfissirx illi l-istess Bord ma jistax ikun suġġett għal stħarriġ ġudizzjarju għall-imġieba jew id-deċiżjoni tiegħu, iżda li l-Bord innifsu, ma jistax jiġi ċitat fi proċeduri ġudizzjarji. Il-fatt illi l-kawża m'hijiex proponibbli fil-konfront tal-Bord ifisser, li din għandha ssir fil-konfront tal-konvenut Avukat Ġenerali, u dan proprju in vista ta'*

*dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, li fis-subartikolu (2) tiegħu jipprovdi illi:*

> *"L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

*"Dan qiegħed jingħad ukoll b'referenza għal dak ritenut minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet* ***Sadek Mussa Abdalla vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati****, meta ngħad:*

> *"Although plaintiff is impugning the defendant Board's decision, the Board itself cannot be cited as defendant in such an action. The Board – in its function as a quasi-judicial tribunal – enjoys the same protection accorded to ordinary courts in accounting for the exercise of their judicial functions, unless it can be shown that such tribunal or board has acted in a fraudulent manner (***Gatt Tarmac Ltd vs Kunsill Lokali ta' Victoria (Ghawdex) et****, App 07/08/2013). This is not to say that the exercise of those functions is not subject to judicial scrutiny: it means that those tribunals themselves may not be cited in proceedings. This protection is extended to the persons who sit on such tribunals (***Mallia noe et vs Debono et****, Kollez Vol LXXXI.ii.262, App 13/02/1997), although in certain cases this immunity is lifted where it transpires that they have acted in breach of the procedures set up at law for that particular tribunal, or where such person has acted in a discriminatory manner or where the actions of such person amount to a breach of the aggrieved party's fundamental rights. The reasoning behind such an immunity lies in guaranteeing the independence they require to exercise their judicial functions, rather than in providing them with a preferential privilege. This means that for an action of judicial review relating to a decision of such an administrative tribunal or quasi-judicial*

> *board, the action has to be filed against the proper person whom the State has ordained to stand in its name in judgment in similar cases. This person is, in terms of Maltese Law, the other defendant in this case, namely the Attorney General;*
>
> *This position has persisted even after the introduction in 1995 of the procedural provisions relating to judicial representation in matters of judicial review of quasijudicial tribunals and the application of this principle has received consistent judicial backing without fail (**Power Projects Ltd vs Stephen Agius** et, PA 16/06/2003, mhux appellata);*
>
> *... the fact that plaintiff's action cannot proceed against the Board shall in no way impair its validity against the Attorney General as the other defendant. As a matter of fact, in no part of the submissions did the Attorney General raise the argument that he, too, was non-suited. The provisions of article 181B of the Code of Organisation and Civil Procedure would, in any case, have made short shrift of any such argument, had it been raised."*

"*Din il-Qorti filwaqt li taqbel perfettament ma' dan l-insenjament, hekk ukoll f'dan il-każ, tqis illi l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju odjerna, għandha ssir kontra l-Avukat Ġenerali f'isem il-Gvern ta' Malta, u dan a tenur tal-imsemmi artikolu 181B(2) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Isegwi li din l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti ma timmeritax li tiġi milqugħa.*

"*Imiss li tiġi trattata t-tieni eċċezzjoni preliminari, in kwantu jingħad li l-azzjoni fil-konfront tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija saret intempestivament, peress li għadhom ma skattawx il-proċeduri ta' Removal Order. Jiġi rilevat illi in kwantu l-azzjoni attriċi tattakka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati, u mhux xi Removal Order, tqis li din l-eċċezzjoni għandha mis-sewwa. Fi kwalunkwe każ, kif appena spjegat, huwa ritenut li l-presenza tal-konvenut Avukat Ġenerali, f'isem il-Gvern ta' Malta, f'dawn il-proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni tal-Bord, huwa biżżejjed u konsegwentement din it-tieni eċċezzjoni timmerita li tintlaqa'.*

"*In kwantu l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra tal-konvenuti, ġew indirizzati fil-mori tal-proċeduri, imiss li jiġi trattat il-mertu tal-kawża. Minn eżami tal-fatti riżultanti milli atti jingħad illi l-attur twieled Jammu Kashmir, fl-India, fit-3 ta' Jannar, 1987. Huwa telaq minn Delhi, mar id-Dubai u wara l-Libja, sabiex imbagħad wasal f'Malta f'Novembru tas-sena 2012. Applika għall-protezzjoni t'ażil taħt l-istatus ta' rifuġjat fit-3 ta' Diċembru, 2012. Dana peress li ngħad minnu li kien hemm gwerra għaddejja l-Kashmir bejn l-Indjani u l-Pakistani, u li ried jgħix ħajja aħjar wara Ii missieru nqatel proprju minħabba l-istess gwerra. Wara li saritlu intervista u l-Kummissarju għar-Rifuġjati, qies dak kollu meqjus rilevanti għat-talbiet tal-applikant, fis-16 ta' Frar, 2013, kien deċiż li l-applikazzjoni kif imressqa mill-attur, ma kenitx tilħaq il-kriterji meħtieġa, sabiex jingħata l-istatus ta' rifuġjat jew ta' protezzjoni sussidjarja u għalhekk kienet miċħuda. Din d-deċiżjoni kienet ikkonfermata miċ-Chairman tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati fil-25 ta' Frar, 2013.*

"*Wara li l-attur ressaq xi dokumenti ġodda, talab li tiġi eżaminata mill-ġdid l-applikazzjoni tiegħu. Iżda permezz ta' deċiżjoni li ngħatat fil-15 ta' Settembru, 2014, għal darba oħra, l-Kummissarju għar-Rifuġjati ikkonkluda li ma kien hemm ebda elementi ġodda li kienu jiġġustifikaw it-talba tiegħu li jingħata l-istatus ta' rifuġjat. Għalhekk it-talba tal-attur ma setgħetx tiġi eżaminata ulterjorment u kienet meqjusa bħala inammissibli skont il-liġi. Permezz ta' korrispondenza datata 3 ta' Novembru, 2014, l-avukat tal-attur spjega lis-Segretarja tal-Bord tal-Appelli, li l-klijent tiegħu avviċinah wara li kien skada t-terminu tal-appell, peress li dan kien weġġa' dahru, kif jixhed it-tabib kuranti tiegħu, u talab żmien biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu, dwar il-każ. L-istess Segretarja tal-Bord tal-Appelli wieġbet l-imsemmija korrispondenza l-għada, fejn ingħad li setgħu jsiru s-sottomissjonijiet opportuni sa mhux aktar tard mid-9 ta' Diċembru, 2014, u fin-nuqqas li jiġi deċiż l-appell. L-applikazzjoni tal-appell tal-attur, quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati, saret fl-4 ta' Diċembru, 2014, li kienet tinkludi l-affidavit tal-attur. L-attur ingħata smiegħ quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuċjati fl-14 ta' Mejju, 2015. Wara li dak il-Bord kif kompost, naqas li jiddeċiedi l-applikazzjoni tiegħu, l-attur talab li jingħata smiegħ mill-ġdid quddiem il-Bord kif issa kompost.*

*"L-attur ingħata smiegħ mill-ġdid quddiem il-Bord kif kompost, fl-10 ta' Lulju, 2015. Ingħatat deċiżjoni mill-istess il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati fil-24 ta' Lulju, 2015, li permezz tagħha kien deċiż li peress li l-appell sar tardivament, oltrè it-terminu ta' ħmistax-il ġurnata, kif tipprovdi l-istess liġi, astjena milli jieħu konjizzjoni tal-mertu tal-appell. Konsegwentement l-appell kien miċħud, in kwantu kien meqjus null. L-attur qiegħed jikkontesta din id-deċiżjoni peress li jikkontendi li ngħatat b'interpretazzjoni ħażina tal-liġi, u jiċċita l-artikolu 469A(1)(a) tal-Kodiċi t'Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, sabiex jitlob l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, peress li jingħad li tikser il-Kostituzzjoni.*

*"In tema legali, kif aċċennat qabel, il-Qrati ordinarji huma mogħnija bis-setgħa li jistħarrġu deċiżjonijiet ta' tribunali oħra, fejn jiġi allegat li naqsu milli josservaw il-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Minkejja kull provvediment legali sabiex jillimita din is-setgħa, ġie awtorevolment deċiż mill-Qorti tal-Appell, li allegazzjoni ta' ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew deċiżjoni li tkun legalment żbaljata fl-interpretazzjoni tal-liġi, huwa biżżejjed sabiex jirradika f'din il-Qorti s-setgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju. Hawnhekk issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Ġunju, 2008, fl-ismijiet* ***Charles Mattocks vs Dr. Anthony Gruppetta noe et****, fejn f'kuntest differenti relatat mal-proċess ta' ħatriet fis-servizz pubbliku, li jsir mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC), ingħad:*

> *"<u>Il-Qrati tagħna osservaw li l-PSC mhix insindikabbli b'mod assolut, u jekk jiġi allegat li l-PSC ma segwietx ir-regoli ta' proċedura li hi stess tkun għamlet għas-smiegħ tal-każi quddiemha</u> ("Cassar vs. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku", eventwalment ċeduta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru, 1985), jew jiġi allegat li l-PSC aġixxiet b'mod diskriminatorju ("Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku", deċiża mill-Qorti Kostituzzjnali fl-20 ta' Jannar, 1985), jew li l-istess PSC aġixxiet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ("Attard vs Sant'Angelo noe et", deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Novembru, 1996), <u>allura l-Qorti ordinarja tista' tintervjeni, tissindika u eventwalment tagħti r-rimedju opportun.</u> Din il-Qorti żżid li anke jekk jiġi allegat, fuq livell*

> *amministrattiv, li l-PSC aġixxiet bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew aġixxiet ultra vires il-poteri tagħha, il-Qrati ordinarji jistgħu u għandhom jintervjenu. Il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jridu dejjem u skrupolożament jiġu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni maħtura biex tieħu deċiżjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorita` mogħnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-prinċipji b'impunita` (ara, per eżempju, il-każijiet "Zammit vs Falzon", deċiża minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu, 2003 u "Mangion vs Cilia Pisani noe", deċiża mill-Prim Alwa tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Mejju, 2004). L-istess jista' jingħad f'każ ta' allegazzjoni ta' qerq. (sottlinjar mizjud minn din il-Qorti)"*

"*Hekk ukoll f'sentenza oħra tat-28 ta' Settembru, 2012, fl-ismijiet* **Paul Washimba vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati et**, *kif ukoll dik tal-5 ta' April 2013, fl-ismijiet* **Saed Salem Saed vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati et,** *li kellhom ċirkostanzi simili għal dak in eżami, kien ritenut mill-Qorti tal-Appell illi:*

> "*Hu prinċipju ta' dritt, pero`, li l-ġurisdizzjoni inerenti tal-qrati ta' "judicial review" ma tista' titneħħa minn ebda liġi, għax ma jistax jiġi aċċettat li l-leġislatur qatt jista' jippermetti li deċiżjoni tittieħed bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew kontra l-liġi.*
>
> *"…. Il-Qrati Ċivili jistgħu jissindikaw l-operat ta' kwalsijasi tribunal jew bord imwaqqaf bil-liġi, l-ewwelnett biex jassiguraw li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jkunu osservati u, fit-tieni lok, biex jassiguraw li ma jkunx hemm xi enunċjazzjoni ħażina jew inkompleta tal-ipotesi tal-liġi fis-sens lat tal-frażi, fis-sens li għandhom jassiguraw mhux biss li d-deċiżjoni innifisha ma tkunx waħda "wrong at law", iżda li t-Tribunal jew Bord ikollu s-setgħa legali jagħti dik id-deċiżjoni." (sottlinjar miżjud minn din il-Qorti)*

"*Din il-Qorti filwaqt li taqbel ma' dawn il-prinċipji u tagħmilhom tagħha, meta tgħaddi biex tapplikahom għall-każ in eżami, issib li l-ilment tal-attur mhuwiex ġustifikat.*

"*Dan qiegħed jingħad peress li fil-fehma ta' din il-Qorti l-artikolu 7(2)(a) tal-Kap. 420,ċitat mill-attur ma japplikax għall-każ odjern fejn ir-rikors tal-appell isir tardivament, peress li dak is-subinċiż japplika għall-meta appellant ikun naqas milli jipprovdi l-informazzjoni essenzjali għall-appell* <u>*wara li jkun sar ir-rikors tal-appell*</u>*. Peress li l-artikolu in eżami jipprovdi, li sakemm ma jiġix muri li dan in-nuqqas, seħħ minħabba ċirkostanzi li l-applikant ma setax jikkontrolla, il-Bord jista' jassumi li dan ikun impliċitament* <u>*irtira r-rikors tal-appell.*</u> *Għalhekk din is-sitwazzjoni* <u>*tippresupponi li jkun ġie ppreżentat ir-rikors tal-appell*</u>*, meta jseħħu ċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-applikant għan-nuqqas li jipprovdi l-informazzjoni essenzjali għall-appell, sitwazzjoni differenti miċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami, fejn ir-rikors sar tardivament.*

"*In kwantu l-attur jagħmel referenza għall-artikolu 7(8) tal-Att dwar ir-Rifuġjati (Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta), jiġi nnutat li fil-konsiderazzjonijiet tal-Bord, fid-deċiżjoni tal-24 ta' Lulju, 2015, jingħad li l-appell sar ferm wara l-ħmistax-il ġurnata kontemplati fil-liġi (artikolu 7(2) tal-Kap. 420) u li dan il-punt kellu jitqajjem mill-Bord ex ufficio, ladarba l-osservazzjoni tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u liġijiet oħra speċjali li jirregolaw il-proċeduri tal-qrati, tribunali u bordijiet kienu meqjusa bħala t'ordni pubbliku. Jingħad ukoll li t-terminu għall-appell ma jistax jiġi mibdul jew estiż, lanqas bi qbil bejn il-partijiet u dan iservi sabiex jipprovdi ċertezza fil-liġi. Għal dawn ir-ragunijiet il-Bord iddeċieda li kellu jieqaf milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess appell.*

"*Fuq dan il-punt huma meqjusa rilevanti l-prinċipji osservati fis-sentenza fl-ismijiet* **Giuseppi Caruana vs Charles Psaila**, *deċiża fil-21 ta` Marzu 1997 (Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera) fejn ingħad:*

> *"It-termini proċedurali huma inderogabbli. Infatti, "ma jista` qatt ikun disputat illi t-termini għal kompiment ta` atti proċesswali huma dawk stabbiliti mil-liġi. .... Trattandosi ta` norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jiġi mħares ad unguem, in raġuni ta` l-element dekadenzjali insit. Dan anke għaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi ta` Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u f`liġijiet oħra speċjali li jirregolaw il-kondotta tal-*

> *proċeduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta` ordni pubbliku u ma jistgħux jiġu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula"*

"*Hekk ukoll il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Daniela Zwack-Wandrey vs Messrs. In Sight Ltd.*** *tas-6 ta' Ottubru, 2010:*

> *"illi huwa fil-ġeneralita` tar-riti proċesswali taħt id-diversi liġijiet u għal liema hu konsentit appell, illi t-termini fihom preskritti għall-appell jinkwadraw ruħhom fl-istitut tad-dekadenza. Dan huwa hekk għas-sempliċi fatt materjali u oġġettiv tad-dekorrenza taż-żmien. Ara "****Caterina Tabone -vs- Nobbli Gio Carlo Mallia et",*** *Appell Ċivili, 3 ta' Ottubru, 1927;*
>
> *"Il-kwestjoni hawnhekk sollevata ġiet proprju minn din il-Qorti diversi drabi eżaminata. Hekk ingħad illi t-termini għall-appell minn sentenzi "huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita` la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interuzzjoni, jekk mhux fil-każijiet eċċezzjonalment mil-liġi prevvisti. Ad eżempju, fejn il-ġurnata ta' l-iskadenza tat-terminu taħbat nhar ta' Sibt jew il-Ħadd jew xi ġurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini proċesswali ġġib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistgħux jiġu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutili tagħhom ma jkunx imputabbli lil parti interessata. Dan għal motiv illi dik l-improrogabilita' hi hekk neċessarja għal raġuni ta' ċertezza u, ukoll, ta' uniformita'".*

"*Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jirriżulta li għalkemm huwa minnu li l-artikolu 7(8) Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li l-Bord għandu jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu, jiġi rilevat li jeżistu wkoll ir-Regolamenti Dwar il-Proċedura tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati (L.S. 420.01). Taħt ir-regolament 5(1)(a) (L.S. 420.01), jinsab provdut ukoll li appell taħt l-istess regolamenti, għandu jsir fi żmien ġimgħatejn, kif wara kollox*

*jipprovdi l-artikolu 7(2) tal-Att prinċipali. Iżda jiġi osservat li, fir-regolament 5 (2) hemm provdut ukoll li:*

> *"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet taħt is-subparagrafu (1)(a) sa (o), il-Bord għandu xort'oħra jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu.*

"*Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, ladarba l-liġi sussidjarja stess tipprovdi li l-Bord għandu jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu limitatament f'dawk il-każijiet mhux kontemplati taħt is-subparagrafu (1)(a) sa (o), dan ifisser li r-regolamenti taħt is-subparagrafi (1)(a) sa (o), għandhom jipprevalu, inkluż it-terminu perentorju ta' ġimgħatejn li fih għandu jsir appell.*

"*Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dak li rriżulta li ġara mill-provi prodotti quddiemha. Iżda kif ingħad minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru, 2016, fl-ismijiet* ***Logos Societa' Cooperativa vs Direttur Ġenerali Tal-Kuntratti et:***

> *"għalkemm din il-Qorti taqbel li ladarba ingħataw ċertu struzzjonijiet dwar kif għandu jiġi reġistrat appell, jekk dawn ġew segwiti l-appell ma għandhux jiġi dikjarat null minħabba li l-appellant naqas li jsegwi pass ieħor indikat fl-avviż legali, fil-każ odjern, dak il-pass li l-appellanti naqsu li jsegwu kien proprju t-terminu korrett stipolat mil-liġi."*

"*Hekk ukoll f'dan il-każ, ladarba t-terminu t'appell tal-attur kien laħaq skada, dan ma setax jiġi sanat bl-ebda mod, in kwantu huwa meqjus bħala perjodu ta' dekadenza. Għalkemm fuq il-bażi ta' provveddimenti differenti, (Regolament 5 tal-L.S. 420.01), din il-Qorti ma ssibx li hemm lok li titħassar jew tiġi annullata d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati, in kwantu l-appell tal-attur tabilħaqq sar tardivament. Kif ġustament osservat mill-imsemmi Bord, l-osservazzjoni tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u liġijiet oħra speċjali, li jirregolaw il-proċeduri tal-qrati, tribunali u bordijiet huma meqjusa bħala t'ordni pubbliku. Isegwi li l-ittra tas-Segretarja tal-Bord, ma setgħatx tissana dan in-nuqqas tal-attur, bl-ebda mod.*

"*Għalhekk l-ewwel, it-tielet u r-raba' talbiet tal-attur ma jimmeritawx li jkunu milqugħa.*

"*Lanqas m'huwa il-każ li tintlaqa' l-ħames talba attriċi, peress li kif ġustament eċċepit mill-konvenuti, ingħad diversi drabi mill-qrati tagħna, li ma jistax jiġi konfermat mandat kawtelatorju b'mod permanenti, kif qieghed jippretendi l-attur.*";

4. L-attur appella mill-imsemmija sentenza b'Rikors tiegħu tal-20 ta' Marzu, 2017, li fih u għar-raġunijiet u sottomissjonijiet hemm imsemmija, qal li "l-ewwel u l-uniku aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi meta iddeċidiet li, f'każijiet ta' appelli li jinstemgħu quddiem il-Bord tal-Appelli tar-Refiġjati li huma regolati permezz tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti promulgati taħt l-awtorita' tagħha, it-terminu sabiex jiġi interpost appell quddiema (*sic*) ma jistax jiġi estiż – bħalma ġara f'dan il-każ";

5. L-intimati appellati laqgħu għall-imsemmi bi Tweġiba mressqa fl-10 ta' April, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalu li, fl-ewwel lok, l-appell ma jiswiex għaliex l-appellant naqas li jsemmi d-data tas-sentenza li minnha kien qed jappella. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-aggravju li fuqu l-appellant jibni l-appell tiegħu mhuwiex mistħoqq u dan billi s-sentenza appallata iddeċidiet sewwa l-aspetti legali u qieset sewwa ċ-ċirkostanzi fattwali li jsawru l-każ tal-appellant. Iżidu jgħidu li l-ilment tal-appellant li ma ngħatax smigħ xieraq mhux mistħoqq meta wieħed iqis li ngħata smigħ darbtejn mill-Bord u li fi proċedura bħal din ta' stħarriġ ġudizzjarju l-appellant ma jistax iqajjem kwestjonijiet ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali li għalih il-liġi tipprovdi għal proċedura partikolari;

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

8. Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2018, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

9. Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis l-aggravju tal-appellant mis-sentenza appellata, ikun xieraq li tistħarreġ is-siwi tal-argument imressaq mill-appellati dwar in-nuqqas ta' siwi tar-Rikors tal-Appell innifsu;

10. Illi l-appellati jgħidu li r-Rikors tal-Appell huwa irritu u null għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex ma jispeċifikax id-data tad-deċiżjoni li minnha r-rikorrent ressq dan l-appell tiegħu;

11. Illi l-Qorti jidhrilha li din is-sottomissjoni mhijiex tajba. Filwaqt li huwa minnu li fir-Rikors promotur, l-appellant ma jsemmix id-data tas-sentenza li minnha appella, ma hemm l-ebda dubju li l-Ewwel Qorti tat biss sentenza waħda u li dik is-sentenza qieset il-mertu kollu dibattut, kemm fl-aspetti preliminari tiegħu (tant li ħelset lil wieħed mill-intimati oriġinali) u kif ukoll fil-mertu. L-"okkju" tar-Rikors tal-Appell jirriproduċi dak li jissemma fis-sentenza appellata u ma ntweriex li dak l-att jista' joħloq xi diffikulta' biex jidentifika liema sentenza sar appell minnha. Din il-Qorti tqis li l-liġi tipprovdi b'mod ċar x'għandu jkun fih rikors għat-tħassir tas-sentenza[1] u t-tismija tad-data tas-sentenza mhijiex fost il-ħtiġijiet mandatorji mitluba, ladarba jkun ingħata tagħrif ieħor tajjeb biżżejjed biex kemm din il-Qorti u kif ukoll il-parti appellata jkunu jistgħu jqisu l-aggravju tal-appellant. Minbarra dan, l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi[2] jgħidu ċar li xi nuqqas fil-ħarsien ta' xi wieħed mir-rekwiżiti mitluba fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ma jġibux in-nullita' tar-rikors li jkun. Fuq kollox, l-appellati ma fissrux taħt liema waħda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq in-nullita' ta' atti ġudizzjarji[3] ressqu din is-sottomissjoni tagħhom, jew xi preġudizzju li ma jistax jissewwa mod ieħor ġarrbu bil-fatt li r-Rikors tal-Appell ma jsemmix id-data tas-sentenza appellata;

12. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li ma ngħatatilha l-ebda raġuni tajba biex issib li r-Rikors tal-Appell ma jiswiex u biex tiddikjarah null;

13. Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-appell fil-mertu. L-aggravju tal-appellant huwa wieħed proċedurali, marbut mal-kwestjoni tat-termini stabiliti minn liġi biex wieħed jitlob għal rimedju mogħti mill-istess liġi. L-appellant kien ressaq talba quddiem il-Kummissarju tar-Rifuġjati (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Kummissarju") sabiex jingħata kenn u għarfien bħala rifuġjat f'Malta biex ma jitreġġax lura lejn il-pajjiż fejn kien twieled u mnejn kien ħarab;

14. Wara li fi Frar tal-2013[4] it-talba tiegħu ma ntlaqgħetx, l-appellant talab li l-Kummissarju jerġa' jiftaħ il-każ tiegħu. Imma b'deċiżjoni meħuda fil-15 ta' Settembru tal-2014[5], il-Kummissarju qatagħha li l-appellant ma

---

[1] Art. 143(1) tal-Kap 12
[2] Art. 143(5) tal-Kap 12
[3] Art. 789(1) tal-Kap 12
[4] Ara Dokti "Ċ" u "MGF 2", f'paġġ. 13 – 4 u 75 – 83 tal-proċess
[5] Dok "D", f'paġ. 15 tal-proċess

kien ressaq l-ebda raġuni ġdida biex jibdel il-fehma li kien wasal għaliha fl-ewwel deċiżjoni tiegħu;

15. Fit-3 ta' Novembru, 2014, l-appellant bagħat ittra lill-Bord dwar ir-Rifuġjati (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Bord") biex jgħarrfu li ried jappella mid-deċiżjoni meħuda mill-Kummissarju f'Settembru. Il-Bord bagħat jgħarraf lill-appellant fl-4 ta' Novembru, 2014, li kellu sad-9 ta' Diċembru, 2014 biex iressaq l-appell li kien fi ħsiebu jressaq. L-appellant ressaq l-appell tiegħu fit-3 ta' Novembru, 2014, jiġifieri dakinhar li bagħat jgħarraf lill-Bord li xtaq jappella, u meta ma kienx għadu jaf x'kellu jiktiblu l-Bord l-għada. Flimkien mal-appell tiegħu, l-appellant hemeż ittra mit-tabib tiegħu biex tispjega għaliex l-appell ma kienx tressaq qabel;

16. L-appell tressaq taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Att dwar ir-Rifuġjati[6]. Skond id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu, appell minn deċiżjoni tal-Kummissarju jista' jsir fi żmien ħmistax-il (15) jum minn dakinhar li tkun ittieħdet id-deċiżjoni tal-Kummissarju li minnha wieħed irid jappella;

17. L-appell tqiegħed għas-smigħ f'Mejju tal-2015 u saret it-trattazzjoni u tħalla għad-deċiżjoni. Ġara, iżda, li qabel ma l-Bord laħaq ta d-deċiżjoni tiegħu, inbidlet il-kompożizzjoni ta' wħud mill-membri tiegħu u l-appellant kien mgħarraf b'dan. L-appellant talab li jittratta l-każ tiegħu quddiem il-Bord kif magħmul mill-membri l-ġodda. L-appellant ingħata smigħ quddiem il-Bord rikompost f'Lulju tal-2015. Iżda, b'deċiżjoni tal-24 ta' Lulju, 2015, il-Bord qatagħha li jiċħad l-appell tal-appellant minħabba li sab li l-appell kien tressaq wara ż-żmien mogħti mil-liġi. L-Ewwel Qorti, fis-sentenza li minnha l-appellant ressaq l-appell tallum, ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Bord;

18. L-appellant jgħid li mhuwiex sewwa li, wara li l-Bord kien tah aktar żmien biex iressaq l-appell tiegħu quddiemu, jiċħadlu l-istess appell fuq ir-raġuni li l-appell kien tressaq wara ż-żmien li tagħti l-liġi. Minbarra dan, jgħid li la l-Bord u lanqas l-Ewwel Qorti ma kellhom iħaddmu r-regoli proċedurali tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għall-proċeduri miżmuma mill-Bord taħt il-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan, prinċipalment, għaliex il-Bord mhuwiex qorti u l-liġi nnifisha tagħtih li jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu b'mod differenti minn dak li tgħid il-liġi dwar il-Qrati fejn jirrigwarda termini u żminijiet ta' appell;

19. Illi l-Qorti jidhrilha li għandha tistħarreġ l-ilment tal-appellant dwar is-sentenza appellata b'riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi li tirregola l-jedd ta' appell minn deċiżjoni tal-Bord fejn, bħal fil-każ tallum, tkun tressqet

[6] Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta

applikazzjoni sussegwenti wara deċiżjoni finali tal-istess Bord[7]. Id-deċiżjoni li dwarha l-appellant kien fetaħ il-kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju quddiem l-Ewwel Qorti ma kinitx id-deċiżjoni oriġinali li l-Kummissarju kien wasal għaliha (dik meħuda fi Frar tal-2013), lanqas ma kienet id-deċiżjoni (meħuda f'Settembru tal-2014) li biha l-istess Kummissarju kien sab li l-appellant ma kienx ġablu tagħrif jew fatti ġodda li jwassluh biex jibdel fehemtu dwar l-ewwel deċiżjoni. L-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju mibdija mill-appellant kienet dwar id-deċiżjoni tal-Bord (meħuda fl-24 ta' Lulju, 2015[8]) li ngħatat dwar is-siwi tal-appell imressq mill-appellant meta ipprova jappella mit-tieni deċiżjoni tal-Kummissarju;

20. Illi jibda biex jingħad li, fil-proċedura, ż-żminijiet mogħtijin lil parti biex tressaq att jistgħu jkunu jew ġudizzjarji (jew legli) għaliex ikunu imposti mil-liġi, jew inkella ġudizzjali, għaliex imposti mill-Qorti jew mit-tribunal imwaqqaf b'liġi[9]. Żmien ġudizzjarju jista' jkun wieħed perentorju; imma meta ma jkunx perentorju, jista' jiġġedded għal raġuni tajba sakemm it-talba għat-tiġdid issir qabel ma jagħlaq dak iż-żmien preskritt[10], jew, jekk ikun laħaq għalaq iż-żmien, b'azzjoni ta' reintegrazzjoni[11] Iż-żminijiet ġudizzjali normalment jaqgħu taħt il-kategorija ta' termini mhux perentorji[12];

21. Illi termini ta' żmien stabbiliti mil-liġi għat-tressiq ta' atti tal-Qorti għandhom il-karatteristika ta' termini ta' dekadenza, u għalhekk huma perentorji. Dawn jitlobu l-ħarsien *ad unguem* u huma ta' ordni pubbliku[13], li jistgħu jitqajmu *ex ufficio* minn qorti jew minn tribunal[14]. Huma termini li ma jistgħux jinbidlu jew jitttawlu, imqar jekk kull parti taqbel dwar dan[15]. Hemm fehma li tmur lura s-snin li t-termini jew żminijiet biex xiħadd jappella minn deċiżjoni huma termini perentorji[16];

22. Illi l-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi[17] li appelli lill-Bord għandhom isiru fi żmien ġimgħatejn minn meta ssir in-notifika tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju lill-applikant. Mill-provi mressqa[18], ħareġ li l-Kummissarju għarraf lill-appellant bid-deċiżjoni tiegħu li ma kienx sab raġunijiet biex ibiddel fehemtu dwar it-talba tal-istess appellant fil-15 ta' Settembru, 2014. Għalhekk, meta fit-3 ta' Novembru, 2014, l-appellant kiteb lill-

[7] Taħt l-art. 7A tal-Kap 420
[8] Dok "K", f'paġ. 27 – 9 tal-proċess
[9] App. Ċiv. **6.7.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone noe vs Mousu' pro et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.244**)
[10] Ar. 106 tal-Kap 12 u App. Inf. PS **8.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Francis B. Vassallo noe vs Direttur tal-Kuntratti***
[11] App. Ċiv. **28.6.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Ħili*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.321**)
[12] Kost. **30.3.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXI.i.25**)
[13] App. Inf. PS **6.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kenneth Abela vs Aplan Limited et***
[14] App. Inf. PS **12.12.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Salina Wharf Marketing Ltd vs Malta Tourism Authority*** u App. Inf. PS **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Mirjana Kovecevic vs Myoka Management Ltd.***
[15] App. Inf. (RRB) **21.3.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Caruana vs Charles Psaila*** (mhix pubblikata)
[16] App. Inf. PS **7.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Earhtcare Co Ltd vs Kunsill Lokali Valletta*** u App. Inf. PS **23.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***A.F. Ellis (Homes Décor) Ltd vs Direttur Ġenerali, Dipartiment tal-Kuntratti***
[17] Art. 7(2) tal-Kap 420
[18] Ara Dok "MGF7", f'paġ. 87 tal-proċess

Bord biex jgħarrfu li ried iressaq appell minn dik id-deċiżjoni, iż-żmien statutorju biex wieħed jista' jressaq appell kien ilu li għalaq;

23. Illi fil-fehma tal-Qorti, it-tifsira li l-appellant qiegħed jagħti lid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7(2)(a) fuq imsemmi ma hija tajba xejn u wasslitu biex jara nuqqas fil-Bord fejn ma kienx hemm. F'dan ir-rigward, issib li hija taqbel mar-raġunament magħmul mill-Ewwel Qorti fit-tifsira li tat lill-imsemmija dispożizzjoni. Qari xieraq tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi juri ċar li biex ma tibqax tapplika l-preżunzjoni tal-abbandun ta' appell min-naħa ta' persuna li tkun ressqitu u biex jingħatalha "żmien raġonevoli" biex turi b'mod tajjeb x'kienu ċ-"ċirkostanzi li ma setax jikkontrolla" biex naqas li jressaq tagħrif essenzjali li fuqu seta' jitqies l-appell, irid ikun tressaq l-appell. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2)(a) tal-artikolu 7 tal-Att ma huma bl-ebda mod maħsuba biex itawlu ż-żmien statutorju biex jitressaq l-appell stabbilit fir-regola ewlenija tal-istess artikolu, imma biex jirregola li l-appell imressaq fiż-żmien perentorju mogħti mill-istess liġi jitmexxa b'mod għaqli minn min ikun appella. Is-sentenza tal-*proviso* li tippreċedi d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi sub-artikolu 2(a) tal-artikolu 7 titkellem dwar "impliċitament irtira r-rikors tal-appell tiegħu". Dan il-kliem jikkonferma, jekk qatt kien hemm ħtieġa, li ċ-ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 7(2)(a) tal-Att jiddependu mill-fatt li jkun diġa' tressaq appell quddiem il-Bord mid-deċiżjoni tal-Kummissarju;

24. Illi l-appellant jisħaq ħafna fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7(8) tal-Kapitolu 420 u jgħid li, ladarba l-liġi tagħti lill-Bord is-setgħa li jirregola l-proċedura tiegħu, allura l-ittra li ntbagħtitlu fl-4 ta' Novembru tal-2014 kienet tissarraf fit-twettiq mill-Bord ta' dawk is-setgħat u għalhekk tawlitlu ż-żmien biex jista' jressaq l-appell tiegħu. Fid-dawl ta' dak li ngħad qabel u li sejjer jissemma aktar 'il quddiem f'din is-sentenza, dan l-argument tal-appellant mhuwiex tajjeb. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7(8) tal-Att dwar ir-Rifuġjati ma jistgħux jinqraw bħala li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7(2). Hemm ukoll id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni sussidjarja[19] li jtennu ż-żmien ta' ġimgħatejn min-notifika biex persuna tressaq appell minn deċiżjoni tal-Kummissarju. Dwar din id-dispożizzjoni, il-Bord ma għandux is-setgħa li jirregola mod ieħor il-proċedura tiegħu[20];

25. Illi għalhekk dan ifisser li jekk kemm-il darba xiħadd bagħat jgħarraf lill-appellant li kellu xi żmien biex iressaq l-appell tiegħu, ma setax ma jagħtix każ taż-żmien preskritt mil-liġi. Dak iż-żmien huwa wieħed perentorju u ħadd ma jista' jerġa' jagħti l-ħajja lil żmien perentorju li jkun għalaq. Jekk meta nkitbet l-ittra lill-appellant iż-żmien li fih seta' jappella kien diġa' magħluq, dik l-ittra kienet bla siwi u għalhekk l-appellant ma jistax jinqeda bid-

[19] Ara reg. 5(1)(a) tal-A.L. 252/2001 (L.S. 420.01)
[20] Reg. 5(2) tal-A.L. 252/2001

dispożizzjonijiet tal-artikjolu 76(2)(a) tal-Att biex jargumenta li l-Bord kien tawwallu ż-żmien biex iressaq l-appell tiegħu. Li kieku kellha tingħata lil dik id-dispożizzjoni t-tifsira li jrid jagħtiha l-appellant, ikollna ngħidu li l-Bord jista' jimxi lil hinn mil-liġi u s-setgħat li dik il-liġi tagħtih;

26. Illi l-Qorti tqis ukoll li l-ittra li ntbagħtet lill-appellant mis-Segretarja tal-Bord fl-4 ta' Novembru, 2014, turi li huwa kien diġa' ressaq l-appell tiegħu lill-Bord lejliet, jiġifieri qabel ma qagħad jistenna li l-Bord "jawtoriżżah jappella" wara ż-żmien. Dan ukoll, għalhekk, ixejjen l-argument tal-appellent li dik l-ittra serviet biex tatu l-jedd li jappella wara ż-żmien stabbilit mil-liġi;

27. Illi minħabba dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-Ewwel Qorti qieset sewwa u skond il-liġi l-kwestjonijiet kollha rilevanti tal-każ u tagħmilhom tagħha. Minħabba f'hekk, l-appell mis-sentenza li tat dik il-Qorti ma jistħoqqlux jintlaqa';

***Decide:***

28. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tal-attur u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż** kontra l-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| **Joseph Azzopardi** | **Joseph R. Micallef** | **Tonio Mallia** |
| **Prim Imħallef** | **Imħallef** | **Imħallef** |

**Deputat Reġistratur**

**mb**